# DESCRIZIONI STORICA

TAL

# Cnisia Parrochiali

TAL

## IMKABBA

MICTUBA

**Mis-Sac. D. Laurenz Zammit.**

*Procuratur tal imsemmia Cnisia.*

5D.

MALTA—1927.
Tip. tad-Dar ta S. Giuseppe
—HAMRUN.—

www.santantanija.com

# DESCRIZIONI STORICA

TAL

# Cnisia Parrochiali

TAL

## IMKABBA

MICTUBA


**Mis-Sac. D. Laurenz Zammit.**

*Procuratur tal imsemmia Cnisia.*



MALTA—1927.

Tip. tad-Dar ta S. Giuseppe

—HAMRUN.—



www.cantamarija.com



www.santamarija.com

L ANTICA CNISIA ta Birmiftuh chienet eretta f'Parroccia mill'Iskof Mons. De Mello fl'1436 taht it titolu tal Assunzioni ta M. V. Ia ittielet fost il Cnejes Matrici ta Malta.

Dina il Parroccia minħabba il gbar limiti taħħa chienet ticcomprendi sebgħa irħula oħra li chienu. 1o. Il Gudia li chien fia 80 dar; 2. Hal Chircop li chien fiħ 50 dar, u boghod minna maduar zeug mili. 3. L'Imkabba li chien fia 30 dar, u boghod minna tliet mili; 4. Hal Safi li chien fih 50 dar, u boghod minna tliet mili; 5. Hal Tarxen li chien fiħ 100 dar, u boghod minna maduar zeug mili; 6. Hal Luca li chien fia 150 dar, u boghod minna xi nofs mil; 7. Hal Farrug li chien fih 10 diar, u boghod minna xi zeug mili.

2.

Il Papa Gregoriu XIII bi brevi tighu mghoti fl'euuel ta Dicembru 1573 baghat aun f'Malta lil Mons: Pietru Duzzina phala Delegat Inquisitur u Visitatur Apostolicu tad-Diocesi ta Malta li

uasal aun f'Malta fleuuel ta Auissu 1574 igifieri disgha snin uara il gbir assediu li soffriet il gzira ta Malta mit-Toroc.

Fis-sebgha ta Frar 1575 l'imsemmi Mons: Duzzina invista personalment il Cnisia Parrochiali ta Birmiftuh li chella b'Cappillan tahha il Rev: Sac. Don Bartolomeo Mangion, u sab li fdin il Parroccia chien jinsab kassis uihed bis, li chien ismu Don Pancraziu Cafur li jokod fhal Chircop, u li dina il Parroccia ghanda 56 Cnisia ohra imxerdin fil limiti tahha, ghalech dic inhar invista l'imsemmia Cnisia Parrocchiali u il hames cnejes li chienu maduara u halla ghal ghada il visita tal Cnejes l'ohra.

Fil Cnisja Parrocchiali chienu insabu hames altari; igifieri il maggiur fein ch'en jinzam is-SSmu. Sacrament; tnein ohra ma gemb il maggiur iddedicati ittnein lil Assunzioni ta M. V., u tnein ohra hdein il bieb il gbir, uiehed id-dedicat lil Spirtu Santu, u liehor lil San Cosma u Damianu. Fl'altar maggiur uakkaf il Confraternita' tas-SSmu Sacrament u chiteb fdac listes hin 14 il fratell.

Invista ucoll il hames chnejes li chienu mibnia maduar il Parroccia, li chienu uahda iddedicata lil Assunzioni ta M. V. mibnia fillimin, ohra tat-Tuelid ta M. V. fix-xellug tal Parroccia; tnein ohra mibnia hdein il bueb izzghar tal Parroccia, igifieri il Cnisia ta San Sebastian hdein il bieb tax-xelluc li ihares lein nofsinghar, u ta

San Giorg ħdein il bieb tallemin li ihares lein ittramontana u l'ohra ta Santa Caterina ħdein l'imsemmia Parroccia.

L'ghada fit-tmenia ta Frar 1575 l'imsemmi Mons: Duzzina telak mil Birgu fein chien irtirat u fl'imchien mal convisitatur M. Rev. Patri Maestru Damianu Taliana, u ohrain, compla il visita tighu fil cnejes l'ohra soggetti lein il Parroccia ta Birmiftuh, u beda min Hal Luka fein invista it-tmen cnejes tahha. 1. Il Cnisia principali ta S. Andrea ap:; 2 ta S. Antoniu 3. tal Visitazioni ta M. V., 4 ta San Nicola; 5 tal Assunzioni ta M.V. 6. tat-Tuelid ta M. V.; 7. tal Assunzioni ta M.V. 8. u ta San Giulian.

Uara invista iz-zeug Cnejes id-dedicati lit-Tuelid ta M.V. fhal Farrug.

Compla il Visita tighu u mar fl'mkabba fein invista it-tmen cnejes tahha: 1 Il Cnisia principali ta San Basiliu u ic-cimiteru ta kuddiema 2 ta San Michel Arcangelu; 3. ta Santa Cateri-V. u M. 4. ta San Pietru Ap:; 5 tal Annunziazioni ta M.V.; 6. tal Assunzioni ta M.V. 7. tal Visitazioni ta M.V. 8. u tal Assunzioni ta M. V.

Il poplu ta dan irrahal deher kuddiem l'imsemmi Mons. Duzina fein talbu, li minhabba il boghod li ghandu ta tliet mili biex imur il Parroccia tighu li id-degna ruhu jazlu mil imsemmia Parroccia, u flimchien ma hal Farrug jakkadom flimchien f'Paroccia gdida, u jatiom Cappillan ghaliom, o inchella, ghallinkas jatiom Vici Cappillan.

Hal Safi invista ucol il Cnisia principali tal Conversioni ta San Paul; 2. tal Assunzioni ta M.V. 3 tat-Tuelid ta M. V., 4. u ta SantAgata Il popolu ta dan irrahal ilminta minhabba il boghod li ghandu ta tliet mili biex imur fil Parroccia tighu, ghalech talbuh biex jakdu mal kriba Parroccia taz-Zurriek.

Invista ucol il Cnisja principali ta San Leonardu u iz-zeug cnejes tal Assunzioni ta M. V. u tal B. V. Annunziata li chienu insabu f'Hal Chircop.

Invista fil Gudia id-disgha Cnejes tahha: 1. il principali tal Assunzioni ta M.V. 2. ta San Nicola: 3. ta San Marc evangelista; 4. tal B.V. M. Annunziata; 5. ta S. Nicola; 6. ta San Marianu; 7. tat-Tuelid ta M.V; 8. tal B. V. M. Annunziata; 9. u ta Santa Caterina.

Compla il Visita tighu fhal Tarxen fein uara li invista il cnisia principali tal B.V.M. Annunziata, invista l'erbgha cnejes l'ohra 2. ta San Luca; 3 ta San Paul Apostolu; 4. ta San Nicola 5. u tal Assunzioni ta M. V.

Flistes giurnata invista il Cnejes rurali li chienu imxerdin fil-limiti tal Parroccia ta Birmiftuh li chienu hdax.

1 Il cnisia tat-Tuelid ta M.V. fillimiti ta Hal Luca
2 „ „ ta San Giacbu fil-limiti ta Hal Chircop
3 „ „ ta S. Lucia fil-limiti tal Gudia
4 „ „ ta S. Leonardu fil-limiti ta Hal Tarxen
5 „ „ ta S. Nicola fil-limiti ta Hal Chircop

6 Il cnisia ta S. Nicola fil-limiti ta Hal Tàrxen
7 „ „ tal B. V. Maria ta Loretu fil-limiti tal Gudia
8 „ „ ta San Guan ta Ghuxa fil-limiti ta Hal Tarxen
9 „ „ ta San Tumas fil-limiti ta Hal Luca
10 „ „ tat-Tuelid ta M.V.fil-limiti tal Imkabba
11 „ „ ta San Guan Battista fil-limiti ta Hal Farrug

3

Fis-Sena 1592 miet Don Bartolomeu Mangion Cappillan tal imsemmia Parroccia ta Birmiftuh, ghalech l'Iskof Mons Fr Tomasu Gargallo fi zmien li il. Parroccia chienet vacanti, ghazel mil imsemmia Parroccia, fid-29 ta Mejju 1592 il Cnejes ta Hal Chircop, tal Imkabba u ta Hal Safi u ghamilom taht Parroccia uahda u assegnalom phala Cnisia Parrocchiali tahhom, il Cnisia ta San Giacbu, li chienet tinsab bein Hal Safi u Hal Chircop u innomina lis-Sac: Don Carlu Taliano phala gdid cappillan tahhom.

Lil abitanti tal Imkabba, u lil ta Hal Safi ma tanc ghogbitom dina il ghazla, ghalech reghou mil gdid talbu lil Iskof, biex jibkghou jissoctau taht il Parroccia ta Birmiftuh, fein ureuh il gbir dispiacir li ihossu meta icollom ihallu il kobra fein chienu mitfuna l'antenati tahhom, u flistes hin il gbira somma ta flus, li icollom bzon biex jibnu Cnisia addattata ghaliom. L'im-

semmi Iskof meta gharaf irragiuniet tahhom, min banda uahda ma rietċ ihassar ghal collox il ghazla li chien ghamel u flistes hin ried issodisfa ix-xeukat tahhom, b'decriet tal 24 ta Jannar 1593 ordna li il Cappillan il gdid tahhom Don Carlu Taliana, ghandu imur jesercita il cura spirituali fil Cnisia Matrici ta Birmiftuh, li chella b'Cappillan tahha il Sac. Don Gaspare Grixti, u li iz-zeug Cappillani ghandom iamministrau is-Sacramenti lil parrucciani tahhom u li ghandom icollom it-tnein il muftieh tal Cnisia Matrici, tat-tabernaclu, tal fonti tal mghamudia, u tas-Sacrestia.

4

L'Imkabbin uara dan collu xejn ma katghu kalbom anzi b'tama iżjed kauuia reghou geddu it-talb tahhom ghalech ghazlu phala rappresentanti tahhom lis-Sur Baschal Spiteri, Zanu Cassar, Censu Magro, Bartolomeu Magro, Matteu Magro, Uenzu Zammit u Salvu Zammit fein Jaun, tant a nom tahhom, chem ucol a nom tal Imkabbin colla, ghamlu petizioni lil Iskof fl'attijet tan-Nutar Sac. Don Guan Debono, Cancellier tal Curia tal Iskof fis-16 ta Settembru 1595, fein talbuh li minhabba il boghod ta tliet mili li ghandom biex imorru fil Cnisia Parrochiali ta Birmiftuh, u fein uegheduh ucol li chem il darba iddegna ruhu jazilhom ghal collox mil Cnisia Parrocciali ta Birmiftuh, u jamilgha

Parroccia ghalia u jatiom Cappillan gdid ghaliom fil Cnisia tal Assunzioni ta M. V. li tinsab fdan irrahħal, huma iobbligau ruehħom li is-sodisfau u iħallsu lispejes necessarii tant biex izommu dejem mixghula il-lampa li tixghel Kuddiem Gesù Sacramentat chem ucoll li jatu u ihalsu ghal dejem il prebenda parrocciali biex inzam il gdid Cappillan u jatuħ dar fein jokod.

Ghogbitu lil Iskof Mons. Gargallo it-talba tahħom ghalech f'Novembru 1598 ragia mil gdid ghazel mil Matric ta Birmiftuħ il Cnisia tal Imkabba. u ghamilgha Parroccia gdida ghaligha, taht ittitolu tal Assunzioni ta Maria V. u tagha phala leuuel Cappillan tahħa lil Sac. Don Guan Mizzi li kabel chien Vici Parrocu fhal Safi.

5

Dina l'imsemmia prebenda parrocchiali damet ghal bosta snin tithallas lil Cappillani mil poplu; izda Giovanella bin Giacbu Zammit indaħlet li thallas hia din il prebenda min floc il poplu, u ghalech fit-testament tahħa li sar fl'attijet tan-Nutar Gio Domenicu Pace fl'euuel ta Ottubru 1632 ħalliet ghalka li tinsab fil-limiti tal Imkabba imseiħa il *Uied* in contrada tal *Handak* biex fcul sena in perpetuu tithallas min fuka, dina il prebenda.

Izjed, il poplu, ossia il procuraturi tal Cnisia, damu ghal bosta snin ihalsu il chera tad-dar fein chienu jokodu il Cappillani, ghalech il Cappil-

lan Sac. Don Giacomu Casha fit 31 ta Mejiu 1717 fi zmien li Liskof Fr. Giacomo Cannaves chien jamel il visita Pastorali tighu fl'Imkabba talbu li jatih il facolta li tinxtara a spejes tal poplu iddar, fein chien jokod b'chera, billi dina iddar tinsab hdein il Cnisia Parrocchiali, u billi Margherita armla min Censu Vella miz-Zurriek proprietaria ta dina iddar, hia intenzionata li tbiehha u bek dina id-dar tipka ghall dejjem isservi phala dar parrocchiali.

L'Iskof uara li sama dina il petizioni, mar flimchien mal Cappillan u il Cleru fdina iddar u uara li ragha, u sama il parir tal Cleru, iddecreta li tista tinxtara bi spejes tal Cnisia u tal poplu, u li ghandha isservi ghal dejjem phala abitazioni tal Cappillani colla.

Flistess hin il procuraturi tal Cnisia li chienu is-Sac. Don Dominicu Mifsud, u il chiericu Paschal Zammit giabru mil cleru ghax-xiri ta dina id-dar issomma ta 109 scuti u nofs, mghotijn ec; Il Cappillan ta Sc. 25, Don Stefanu Agius Sc. 15, Don Andrea u Don Giorg ahua Brancati Sc. 12-6, Don Michiel Zammit Sc. 5, Don Ghirgor Schembri Sc. 10, Don Domenicu Mifsud Sc. 10, Don Domenicu Magro Sc. 2-6, il Chiericu Paschal Zammit Sc. 10, il Chiericu Giusep Farrugia Sc. 10, il Chiericu Mariu Briffa Sc. 1, il Chiericu Andrea Borg Sc. 1, il Chiericu Gio Paulu Zammit Sc. 3, il Chiericu Gio. Pietru Zammit

Sc. 2-6 il Chiericu Graziu Agius Sc. 1, u il Chiericu Domenicu Camilleri Sc. 1.

Uara ix-xiri ta dina iddar l'imsemmia Procuraturi riedu jibnua mil gdid, b'bini actar modern phala dar addattata ghal cappillani! ghalech halsu Sc. 106-1-10 lil bennei Mru, Andrea Galea Sc. 53 1-10 lill mastrudaxxa Gianni Mamo mis-Siggieui ghal xiri ta injam u xoghol tighu, Sc. 18-8 lil haddied Mru. Gio Domenicu Grima min Haz-Zebbug ghal hadid u xoghol: dan minghair il biccia il gbira tax-xoghol li sar pxein, specialment il ktieh ta gebel li inkata mil giebia li tinsab fil Piazza tal Cnisia, kuddiem listes Cnisia Uara li chienet lesta min collox fissena 1733 tauha lil Cappilaln Sac. Gio Paulu Zammit biex iservi ghall dejjem phala dar parrocciali tahhom.

6.

Fil bidu tal erezioni tal Parroccia il Cnisia ta San Basiliu (Billi dina chienet icbar min dic tal Assunzioni ta Maria V. ) Servet ghal bosta snin phala nisia Parrocchiali, difatti l'euuel Cappilla tahha is-Sac. Don Guan Mizzi fia chien jesercita il ministeru parrochiali tighu, u dam sal 1603 sachem sar Canonicu tal Cattedral chif bicciar jeder mil Visita Pastorali ta Mons. F. Tomasu Gargallo li saret fis-sebgha ta Dicembru 1600.

F'Settembru 1604 lahak ittieni Cappillan is-Sac: Don Pietru Pace. Leuuel hsieb ta dan

il gdid Cappillan chien li icollu Cnisia icbar min dic ta San Basiliu ghalech talab lil benefattur Michiel Zammit biex icompli ix-xeuka tighu. Dana accetta bil ferha u bena a spejes tighu cnisia icbar min dic ta San Basiliu u iddedicagha lil Assunzioni ta M. V. chif chienet ix-xeuka tal antenati tighu u chif ordna u ried l'Iskof fil giurnata tal erezioni ta cdina il Parroccîa. Dina il Cnisia giet mibnia fil Piazza tarrahal, flistes loc fein kabel chienu jinsabu mibnia zeug cnejes zghar, uahda iddedicata lil Assunzioni ta Maria V. u l'ohra lil Visitazioni ta M. V. Uara li chienet lesta ldiet dina isservi phala Cnisia Parrochiali min floc dic ta San Baziliu u damet isservi sachem imbniet ghal collox l'attuali Cnisia Parrochiali li giò fia chienet mghaluka u li flaħħarnet giet imgiarfa.

Dina il Cnisia chienet imdaksa gmiela, chien fia tliet naviet, u bieb fcul nava. In-nava principali chienet imsakfa fuk sebgha gbar ħnejet u li daun chienu poggiuti fuk il colonni. Uara l'altar maggiur chienet mibnia is-sacrestia, li ghalia tithol min bieb mibni fix-xelluc tal Altar maggiur, u min din tghaddi ghal campnar li chien fiħ zeug Kniepel il gbira ta sit Knatar u iz-zgheira ta 40 ratal. Chien fia sebgha altari. Ghal Altar maggiur trid titla ħames targiet, igifieri tnein ghal presbiteriu li chien mghaluk b'cancel bil ballavostri tal gebel, u ittlieta l'oħra ghal Altar, li chien iddedicat lil Assunzioni ta

Maria V. u li il quadru ta dan l'altar illum insab icconservat fis-sacrestia il Kadima tal attuali Cnisia Parrocchiali.

Finnava tal-lemin ħdein il Maggiur chien eret l'Altar tal Assuuzioni ta M. V. mibni a spejes ta Pashal Spiteri u giè imbierec fil 15 ta Novembru 1609, chif jider milleuuel registru parrochiali pagina 3, u mil Visiti Pastorali ta Mons. Cagliares li saru fid- 9 ta Dicembru 1615, u 1618. L'imsemmi Paschal obliga ruhu tant fl'imsemmia Visita tal 1615, chem ucol fit-testament tighu li sar fl'attiet tan-Nutar Bernard Azzuppardi fit 28 ta Marzu 1634, li ghandu iforni dan l'altar fdac collu li iaħtieg. Dan l'Altar hua giuspadronat mil imsemmi Paschal Spiteri, izda billi l'unica tifla tighu Caterina fl 1 ta Frar 1637 izzeuget ma Gio Andrea Zammit, l'imsemmi giuspadronat uaka fuk il famiglia Zammit.

Ħdein l'imsemmi Altar u flistes nava chien eret l'altar iddedicat lil Madonna tar-Rusariu u li fih ehinet erretta il Confraternita tas SSmu Rosariu.

Finnava tax-xelluk chienu eretti zeug altari oħra uihed iddedicat lil B. V. Maria taht ittitolu tas Soccors u lieħor lil Annunziazioni ta M. V: Finnava il principali finnaħa tallemin chien eret l'altar tal Visitazioni ta M. V. u fix-xelluk l'altar tal Spiritu Santu fondat mis-Sac: Don Valeriu Brancati.

7

L'Iskof Mons: Fr Michiel Giovanni Balaguer fit 22 ta Mejiu 1663 baghat biex icompli il Visita Pastorali tighu fl'Imkabba lil Can: Alessandru Bologna Vicariu Generali tighu. Dana uara li lesta il Visita tighu u uara li ra bghaineih stess il bzon ta Cnisia icbar, sejjaħ mil gdid il Cleru, u uara li ħairu u incuraggieħ biex bil ghainuna t'Alla jati bidu ghal bini ta Cnisia icbar, fein talbu li ghal issa jati xi hagia biex icompli il bini ta sacristia li chienet gia mibdia, u ma ix compluta, u flistes hin innomina u ghazel phala procuratur, u dipositariu tal offerti, u flus 'ta bini ta dina il Cnisia il gdida, lil Signur Giampaul Magri mil Imkabba li chien presenti u li accetta bil Kalb colla dana l'incaricu. Ghoghitu lil Cleru dina il proposta u flistes hin offra biex titcompla issacristia Sc 35; igefieri il Cappillan Don Andrea Farrugia offra Sc 5; Don Francisk u Don Roccu aħua Agius Sc 4; Don Valeriu Brancati Sc 2. Gio. Paulo Magri Sc 2. Don Domenico Caruana Sc 1.; Don Vincenz Magro Sc 1; Don Leonardo Bugeja Sc 3.; Don Angelu Mallia Sc 5. Don Giorg Brancati Sc 2. u Sc 9 mid-disgħa Chierici li chienu Paschal, Gio Andrea, Consalez Zammit, Gio Domenicu Brancati, Giacbu Cassar, Maisi u Gio Maria Magro, Clement u Nicola Agius.

Xi hames xghur uara dan, igifieri fit 12 Ottubru 1663 miet l'imsemmi Cappillan Don

Andrea Farrugia, u fl'4 ta Novembru 1663, laħak flocu Don Domenicu Pace. Dan il Cappillan fil Visita li saret fiz-19 Dicembru 1667 iddichiara, u kal lil Iskof Fr Luca Bueno, li innumru tal Parocciani tighu chien 487; u li innumru tad-diar chien ta 130, u li daun iddiar ma chienux imxerdin izda migburin fl'imchien. Min dan innumru ta 487, chienu capaci ghat-Tkarbin 330, ghal Krar bis 30 u il complament minħabba l'età ma chienux capaci. Ix-xoghol tal bicca il gbira taħħom chien icconsisti fil ħidma tar-raba, min barra ta hdax il Sacerdot, zeug Diaconi, tmien Chierici, ghaxra tas-sengha u sebgha li ibighu il huejeg tal ichel.

8

Flaħħar xghur tas-sena 1675 il gzira ta Malta giet invisitata mil Kalil flagel tal pesta, u li tant ghafset, li f'Malta colla mietu ma duar 13000 persuna. L'imkabba ma bakghec esenti minna, anzi, scont iccokon taħħa sofriet bizzejed, tant fit-telfa ta bosta mil popolazioni, chem ucol tal Cappillan taħħa, li miet attaccat bia fit 23 ta Mejiu 1676, u gie mitfun fil Cnisia ta San Basiliu, flimchien ma zeug Sacerdoti oħra, li mietu ucol bil pesta li chienu is-Sac: Don Valeriu Zammit ta 33 sena, u is-Sac Luca Zammit ta 25 sena li chienu mietu listes giurnata.

Uara il meut tal Cappillan, l'Iskof Mons. F. L. Astiria ghazel leuuel, phala Vicariu Curat,

imbaghad pħala Cappillan lis-Sac Don Angelu Mallia, Dottur tal-ligi, mil istes raħal, u taħ il posses fit 22 ta Lugliu 1676. Uara li spiccia ghal collox dan il gbir flagel tal pesta u ghal chem iz-zmeniet chienu bil bosta coroħ, il gdid Cappillan ried bil ghainuna t'Alla icompli il bini ta dina il presenti Cnisia Parrochiali, u ghalech innomina phala deputati u procuraturi biex jigbru, il flus u l'offerti colla għal imsemmi bini, lis-Sacerdoti Don Domenicu Zammit u Don Arcangelu Zammit, u lil Chiericu Gio Andrea Zammit. Fil cors tal bini ta edina il Cnisia, l'Iskof F. David Cocco Palmieri, fleuuel Visita Pastorali li ghamel fil 5 ta Mejju 1686, iddichiara, u kal li ghalchem il Visita saret fil Cnisia Parrocchiali il kadima, li geuua il gdida chienet mghaluka, izda xein inkas fxi bnadi saret ucol fil gdida, ghax il quadru titolari tal Assunzioni ta Maria V. gia chien imkighed f'postu fil facciata tal Cor tal cnisia il gdida li chien già lest, u li il quadri tal Altari tal Assunzioni ta M. V. (ossia ta S. Giusep) u tar-Rusariu ta M. V. li kabel chienu imkiedin fuk l'Altari taħħom finnava tal lemin tal cnisia il kadima, issa geu imneħħia min postom u imkiedin fħait gdid provisoriu, li chienu bneu fdina innava ghal forza u sicurtà tal bini tal cnisia il gdida, li fdina innaħa gia chienu uaslu bil bini sal guarnicum taħħa. L'imsemmi Cappillan Don Anglu Mallia li tant thabat u irsista biex iuakkaf dina l'attuali Cnisia

Parrochiali ma chellux ix-xorti li iaragha lesta ghal collox, il ghaliex miet ghal gharrieda fis 26 ta Jannar 1690 fnofs il piazza tal cnisia fein chien kighet ithadded mal haddiema tal bini tal istes cnisia fuk l'incertezza tal meut. Il poplu, btifkira perpetua ta dan, u b'signal ta gbira riconoscenza bnielu flistes post, fein miet, salib gbir tal hagiar, phala monument perenni ta dan il gbir benefattur.

Fittieni Visita tal imsemmi Iskof Cocco Palmieri li saret fil 10 ta Mejiu 1693 kal li fil Cnisia il gdida già chienu jinsabu lesti mil bini, il cor, iz-zeug cappilluni, u il coppla, izda il corsia, ossia innava principali, ma chienitx ghada lesta ghal collox, izda chienet fil cors tal bini tahha, ghalech l'imsemmi Iskof fil Cnisia il gdida invista l'Altar maggiur, u l'altari lohra li chienu gia lesti ghal collox bil prospettivi scolpiti tahhom, igifieri l'altari tal cor, tal Coronazioni ta M. V. tar-Rusariu, tal Concezioni, u tal Agonia. Fil Cnisia il kadima invista l'Altar tal Visitazioni ta M. V. u tal Spiritu Santu li chienu ghadom fil cnisia il kadima, billi chienet ghada ma ix lesta innava principali tal Cnisia il gdida.

Fittielet Visita tal imsemmi Iskof Cocco Palmieri li saret fit 28 ta Giugnu 1699 dana halla mictub, li il bini tal Cnisia chien lest, bis finnava principali l'Altari tal Visitazioni ta M. V. u tal Ispiritu Santu chienu lesti, u chienu ghadom giodda li had ma chien ghadu kaddes fiom, izzeug altari lohra igifieri ta Sant'Antoniu

di Padova sar a spejes tas-soru terziara Antonia Maria Agius, chif jider mil attiet tan Nutar Marc'Antoniu Brancati tat 3 ta Jannar 1703, u tan-Naufragiu ta San Paul sar a spejes tal poplu fis-sena 1710 Fil facciata fuk il bieb il gbir bneu l'arma gentilizia tal imsemmi Iskof Cocco Palmieri billi dina il cnisia giet mibnia fi zmienu, izda giet imkissra u imneħħia fis-sena 1799 bl'ordni tal gvern francis li fdac izzmien chien igverna u iriegi lil Malta.

9

Dina il cnisia giet imuakfa bil contribuzioni tal poplu blimpen tal, cappillan Don Anglu Mallia, u tal procuraturi Don Dominicu Zammit, Don Archangelu Zammit, u tal Chiericu Gio Andrea Zammit, colla mil Imkabba. Il benneja chienu Mru Mariu u ibnu Gio Maria Briffa millistes rahal, dauna gharfu blactar gbira maestria u attenzioni, jiseguixxu iddisin tal archittet Giovanni Barbara li stohkilom ittifhir ta colhad; izjed compleu ix-xoghol lilom afdat blactar gbira attenzioni u coscenza, tant li uara izzmien ta actar min mitein sena, u uara li soffriet diverssi theziz ta terremoti bakghet, u ghada tali quali, pħalma ħalleuua huma, minghair lebda signal ta semplici consentura. Dina ia ta ordni jonicu, u esatta fis-semplici architettura taħħa. Deher izjed l'esattezza tal architettura taħħa, meta fl' 1895 blimpen tal Procuratur Sac Lorenzo Zammit chie-

net compluta blis-cultura min Mru Lenzu Montibellu min hal Curmi, inviata u misbugha taht id-direzioni ta Mru. Paul Xuereb, u mil istes imghallem imbiddlin il capitelli tal pilastri tahha, bil parir u id-direzioni tal architet Professur Nicola Zammit M. D. Dina ia mibnia taht sura ta salib u tuila 114 il pied, uiesgha fil cappilluni 77, u fin-nava 24 u nofs, u ticconsisti fil cor, fzeug cappilluni u fcorsia, u finnofs imghottia b'coppla. Fil 1897 l'imsemmia coppla flimchien ma l'arcuni u lunetti li fukom tinsab mibnia, chienu indurati min Mru. Frangisc Coleiru u pitturati mil Professur Filippu Venuti min Ruma; flunetti pingia l'erbgha evengelisti li tant inghogbu ghal idea sabieha u gdida tahhom; daun saru uihed a spejes tal imhallef Giovanni Pullicino, iehor ta Mariu Briffa, iehor ta Innocenzu Camillieri, u l'iehor ta Giusep Caruana u ta Andrea Galea; u fil coppla pingia l'Incoronzioni tal Gran Vergini Maria fis-Sema mit-tliet Persuni Divini.

Fix xelluk tal coppla jinsab il campnar imzejjen bhames kniepel. Il gbira saret fil fonderia tal imghalmin Gioacchino u Frangisc Triganza chif jider mil attiet tan Nutar Filippu Giammalva fit 13 ta Settembru 1789 a spejes tal poplu. Ittieni saret min Mru. Giulian Cauchi a spejes tas-Sur Filippu Borg fis-sena 1876, tnein ohra mil'istes imghalem fl 1876 a spejes tal poplu u l'ohra kadima.

Fl 1758 gie imkighed fdan il campnar l'arlog mahdum min Mru. Antoniu Tanti min Hal Tarxen u kam Sc 174-3-

Dana listes arlog gie fl 1866 quasi imgedded collu mill'imkabbi Mru. Michel Anglu Sapiano li ghalech intafked issomma ta Sc 200

Ghas-sicurtà ta edina il coppla u tal campnar fl 1897 giet piantata u mghamula il parafulmini maħduma min Mru. Antoniu Sidoli min Milan li kamet issomma ta Liri 32. Fil 1898 fil facciata tal cnisia fuk il frontispiziu geu miziuda l'istatui tal Fidi, Speranza u Carità maħduma min Mru Carmelu Mallia min Hal Kormi.

Dina il Cnisia chienet icconsagrata min Mons. Fr. Gñi. Carmine Pellerano fil 20 ta Mejiu 1774 a spejes tas-Sac. Carlu Zammit S. T. D., u ħalla ucol, biex dina il festa tipka cul sena issir a spejes tighu. Fis-sacrestia jinsab irritrat ta edana il benefattur, li miet fis 7 ta Jannar tal 1795

Fdina il cnisia jinsabu eretti 10 altari. Il maggiur chien fl 1910 imgedded a spejes tas-Sac: Don Laurenz Zammit u maħdum min Mru. Costantin Di Paolo min Napli. Dan hua imzejjen birħam prezius, il pilastri tighu huma ta granit ta Scozia, liscannel fil facciata ta kuddiem hua imzejjen bil malachita, u fil fecciata ta uara bil verde antico. L'ornamenti u guarnici tal bronz saru fil fonderia tal Cav. Pio Cellini min

Ruma. Dana giè icconsegrat min Mons: Fr. Angelu Portelli Iskof ta Selînonte u Ausiliariu ta Malta fit 17 ta Novembru 1912 flimchien ma hames altari oħra li humo l'altar tal Coronazioni ta M. V. (ossia ta San Giusep) tal Concezioni, tal Agonia u ta San Paul. Dan l'altar maggiur il Papa Benedettu XV brescrit tas-16 ta Marzu 1916 ghamlu privilegiat in perpetuu. Il presbiteriu chien iccangat birħam fl 1907 a spejes tal poplu u il cor a spejes tal cleru igifieiri tal Cappillan Francescu Saveriu Bonannu, ta Don Salv: Schembri, ta Don Giusep Galea, ta Don Eugeniu Mallia, ta Don Laurenz Zammit, ta Don Nicola Sceberras, ta Don Gio.Batta Ghigo, u ta Don Michiel Zammit fissena 1907.

Iddisgha altari l'oħra geù fi ftit snin imbiddla f'altari tar-rham, igifieri dac tal cor fis-sena 1893 u tal Ispiritu Santu a spejes tas Sac Don Salv Schembri fl 1925, tal Agonia min Mariu Briffa fl 1889, tal Visitazioni ta M. V. min Giusep u Gabriele Caruana fl 1913, ta Sant'Antoniu min Filippu Aqiulina fl 1922, tal Concezioni biccia a spejes tal fondazioni tal Martiri S. Innocenzu u bicca a spejes tal poplu mahdum min Mru. Giusep Psaila fil 1893 u kam liri 26-10, tal Coronazioni ta M. V. ( ossia ta S. Giusep ), u ta San Paul, a spejes tal fondaturi, u tar-Rusariu a spejes tal poplu, mahdum min mru. Giusep Psaila mil Birgu

Il quadru titolari tal Assunzioni ta M. V. impingi mil Prof: Filippu Venuti sar a spejes

tas-Sac: Don Salv. Schembri u il quadru tar-Rusariu impingi min Prof: Cali fl'1893 sar mil poplu bl'impen tal Proc: Sac. E. Mallia u kam lili 25. L'altar tal Coronazioni ta M. V. (ossia ta San Giusep) fil cnisia il kadima chien mibni a spejes ta Baschal Spiteri, u fil gdida minneputi tighu Sac Archangelu Zammit. Dan l'altar hua giuspadrunat mil famiglia Zammit chif jider mis sentenza tas-Sacra Rota Romana taz 19 ta Novembru 1760.

15

Uara li lesteu mil bini tal Cnisia chellom bzon ta sacristia, ghalech tau bidu ghal bini tas-sacristia li tinsab fillemin tal cor. Dina flahhar Visita ta Mons: Cocco Palmieri, li saret 1 ta mejju 1709, chienet già lesta mil bini, chif ucol l'oratoriu tahha, izda chien jonkos li tcun imbaida, u fornuta bil bueb u tueki tahha; dina uara ftit chienet lesta ghal collox u ghalech bdiet isservi ghas serviz u comodità tas Sacerdot min floc tas-sacrestia l'ohra zgheira u kadima, li chienet mibnia fix xelluc tal cor, kabel il bini tal Cnisia. Il Procuraturi tal Cnisia li chienu il Chcu. Paschal Zammit u il Chcu. Andrea Schembri M. D. floc dina issacristia il kadima li chienet fix xelluc tal cor, bneu uahda actar moderna u icbar. Mons. Fr Paulu Alpheran fil Visita tighu li saret fit 3 ta Mejju 1754 sab li dina issacristia giâ chienet lesta mil bini, izda chien jonkos ix-xoghol tal iscoltura, tattibijd

u tal injam, 'i daun chienu lesti uara, chif jider mil Visita tal Mons: Rull li saret fit 13 ta Ottubru 1759. Mons. Fr. Giovanni Pellerano fil Visita li saret fil 20 ta Mejju 1774, sab dina is-sacrestia lesta min collox, ghalech ordna li l'oggetti, l'abiti sacri, u il caxxarizzi li chienu fis-sacristia il kadima jigiu mehudin fil gdida, u il kadima tipka biex jinzammu oggetti cbar, u ghal oggetti tal Confraternità, u fein jilbsu il fratelli.

Billi dina is-sacrestia il kadima chella il paviment taħħa xi ftit umidu, li minhabba fech chienet issir ftit tal ħsara fl'oggetti, li fia chienu icunu merfugha, billi chienet nieksa mil ventilazioni, ghalech il Procuratur tal Cnisia Sac. Don Laurenz Zammit fis-sena 1900, uara li spiccia mix-xghol tal iscultura, tal inviar, zebgha u pittura tal Cnisia, ħaseb biex iseuui dan il mancament, ghal'ech neħħa il paviment tal im-semmia sacrestia u tal cor, naddafom mil material taħħom, u ghamel giò fiom phala barriera mnien kata quantità ta gebel, u uara li ragia sakkafon flistes pian ta kabel, taħt il cor ghamel phala carnieria, fein jigiu mitfuna is-Sacerdoti, u taħt is-sacrestia ghamel phala depositu gbir, bil bosta meħtieg, biex fiħ icunu merfugha l'oggetti, u issiggiet tal Cnisia, ghalech ghal giò dan fetaħ zeug targien, uiehed in giol cnisia, u lieħor mis-sacrestia, u flistes ħin fetaħlu finestrun gbir li jati ghat-triek, biex jati iddaul ghal gio fiħ,

u flistes ħin biex izom il ventilazioni u l'inxief tant fis-Sacrestia chem ucol fil enisia colla. Bil gebel imbaghat li inkata, bena sala gbira fuk is-sacristia il gdida, u diversi comodatiet oħra Dana il bini chien meħtieg u necessariu tant biex ighabbi il ħitan tal istes sacristia, ghax billi dina is-sacrestia hia imsakfa gavda gbira, u billi il hitan taħha ma chienux imghobbia xorta uahda, issakaf taħħa fxi bnadi bida jamel xi consenturi, chem ucol chienet necessaria, biex fia jinzammu u jirtefghu bosta oggetti, u il bic-cia il gbira tal hueijeg tal Cnisia.

Dina is sacrestia il gdida, giet fl'1900 fornuta u imzeina b'cax-xarizzi u guardarobbi giodda, mghamulin min Mru. Giusep Zammit mil Birgu li kamu liri 15-0-0, u flistess sena giet inviata u misbugha. Fl'1909 giet icciangata birham tant il paviment taħha, chem ucol ta diversi curituri li jatu ghal dina, u tal cappella li tinsab miħnia hdejja. Fl'1912 l'imsemmia sacrestia u il Cappella geu imzeinin b'diversi decorazioni ta Pittura mill'artist Carmelu Debono min Hattard.

11.

Fdina il Parroccia jinsabu eretti diversi congregazioniet; 1 Is-Sodalità tal Kassisin taht il Patrociniu ta San Giusep. Dina ia composta mis-Sacerdoti tal Imkabba u tal Crendi (fl'antic chienet composta ucol mis-Sacerdoti taz-Zurriek ta Hal Chircop u ta Hal Safi) u giet imuakfa

fis 26 ta Dicembru 1675, imbaghat irrestaurata min Mons. Fr. Paolo Alpheran b'decriet tal 4 ta Marzu 1751. Dina hia imzeina bhafna privilegii u grazii, fost l'ohrain il Papa Benedettu XIV fil 31 Ottubru 1755 icconcieda li fil kuddies li isir ghal consodali meitin l'altar icun dejjem privileggiat, u l'Iskof Alpheran b'decriet tat 18 ta ettembru 1751 icconcieda, il colletta fil kuddiesa ghal consodali morda, u l'indulgenza ta 40 giurnata lil consodali li jassistu fil funzionijet spirituali ta edina is-Sodalità.

2. Is-sodalità tal Agonizzanti. Dina chienet eretta b'decriet tal Iskof Mons Lorenzo Astiria fil 10 ta Settembru 1674 u bi privileg tal Papa Clement X tat 3 ta Fra: 1675 giet aggregata mall'Arciconfraternità tal Agonizzanti li tinsab f'Ruma.

3. Il Confraternita tas–SSmu. Sagrament eretta fis sena 1600 min ghair lebda approvazioni tal Iskof u ma kienitx imzeina bl'Indulgenzi, ghalec Mons Cagliares fil Visita tas 6 ta Giugnu 1621 ordna lil Cappillan Pietru Pace u lil Andrea Schembri procuraturi tal imsemmia Confraternità, li jakilghu mil actar fis l'approvazioni tal Iskof, u izeinugha bl'Indulgenzii billi jaggregaua ma dic ta Ruma. Listess ordna lil Confraternità tar-Rusariu.

4. Il Confraternità tar–Rusariu. Dina chienet eretta flimchien mal erezioni tal Parroccia fil Cnisia ta San Basiliu. L'Altar tahha chien mibni

fix-xellug tal Altar ta San Basiliu. Fis-sena 1634 chienet imghakda ma dic ta Santa Maria ta Ruma.

5. Il Confraternità tal Immaculata Concezioni. Dina chienet eretta fl' Luglju tal 1775 u aggregata mal Arciconfraternità tal Immaculata Concezioni li tinsab fil cnisia ta San Laurenz in Damaso f'Ruma.

6. Il Congregazioni ta San Michiel Arcangelu eretta fil Cnisia lilu id-dedicata fl 1852.

7. Fleuuel ta Jannar tal 1878 chien canonicament stabilit il Vendu. Terz'ordni tal Patriarca S. Francisc d'Assisi, min Fr. Giampaul di Malta Min: Oss: Direttur Commissariu tat Terz'Ordni.

www.santamarija.com

12

